# Il-Mazza Kapitulari tal-Kolleġġjata ta' San Pawl tar-Rabat

## *Ħamsin sena mill-użu tagħha*

**Aristarco Cefai**

Permezz tal-Bolla '*Apostolicae Sedis*' tal-Papa, illum Beatu, Ġwanni XIII mogħtija fl-24 ta' Novembru 1962, il-Knisja ta' San Pawl tar-Rabat ġiet elevata għad-dinjità ta' Kolleġġjata, bil-pussess tal-Kanonċi l-ġodda jittieħed nhar it-23 ta' Marzu 1963. Aktar tard fl-24 t'April 1963 ħarġet bolla oħra '*Melitensis Insula*' li tat lill-istituzzjoni drittijiet oħra dwar l-ilbies tal-Kanonċi u l-użu tal-mazza.

Il-mazza kapitulari tissimbolizza l-awtorità li għandu l-Kapitlu tal-Kolleġġjata waqt il-funzjonijiet Liturġiċi kif ukoll fl-amministrazzjoni tal-Knisja. Il-mazzier fil-fatt jieħu sehem fil-funzjonijiet Liturġiċi Solenni u waqt il-proċessjonijiet jimxi dritt qabel il-Kapitlu Kolleġġjali. Il-Kapitlu tar-Rabat ikkummissjona lill-artist Rabti l-Prof. Ġuzeppi Galea sabiex jiddisinja l-mazza kapitulari. Maħduma fil-fidda mastizz għand id-ditta Catello ta' Napli, il-mazza żżanżnet fl-1965, propju 50 sena ilu.



Il-mazza maħduma fuq stil klassiku hija twila 127.5 ċentimetru u fuq nett insibu s-salib tat-tmien ponot li juri r-rabta storika li l-Kolleġġjata tar-Rabat għandha mal-Ordni Ġerosolimitan. F'kull faċċata tal-pedistall li qiegħed iżomm lil dan is-salib hemm wiċċ t'anġlu. F'kull kantuniera tal-mazza nsibu figura sħiħa t'anġlu, filwaqt li f'kull faċċata nsibu dan li ġej:

1. Xbieha tal-istatwa ta' San Pawl, xogħol l-iskola ta' Bernini u mogħtija mill-Granmastru Pinto fl-1743 li nsibu fis-Santwarju tal-Grotta
2. Xbieha ta' San Pawl qiegħed jikkonsagra lil San Publiju bħala Isqof
3. Xbieha ta' San Ġwann jgħammed lil Sidna Ġesù Kristu
4. Xbieha tal-Qtugħ ir-Ras ta' San Pawl

Taħt l-ewwel faċċata nsibu l-istemma tal-Papa, illum Beatu, Ġwanni XXIII li permezz tal-Bolla tiegħu l-Grotta ta' San Pawl ġiet magħquda mal-Knisja ta' San Pawl, b'din tal-aħħar tiġi elevata għad-dinjità ta' Kolleġġjata.

Taħt it-tieni faċċata nsibu l-istemma tal-Familja tan-Nutar Francesco Catania, li fit-testment tiegħu tas-7 ta' Lulju 1959 mhux biss ħalla lill-Knisja ta' San Pawl bħala l-eredi universali, iżda ħalla wkoll li f'każ li tiġi elevata għad-dinjità ta' Kolleġġjata, seta' jwaqqaf il-ħames dinjitarji – Arċipriet, Dekan, Kantur, Teżorier u Primiċerju.

Taħt it-tielet faċċata nsibu l-istemma tal-Granmastru Alofio Wignacourt li kien devot kbir ta' San Pawl u Fundatur tal-Kolleġġjata Ġerosolimitana.



*Dettall mill-Mazza Kapitulari maħduma fil-fidda fuq disinn tal-iskultur Rabti Ġużeppi Galea fl-1965.*

Taħt ir-raba' faċċata nsibu l-istemma tal-Papa Pawlu V li fi żmienu twaqqfet il-Kolleġġjata Ġerosolimitana.

Din is-sena wkoll qegħdin infakkru l-50 sena minn meta l-Kontessina Mary Theuma Castelletti rregalat ix-xabla tal-fidda li tintuża mill-mazzier.

Il-mazziera tal-Kolleġġjata ta' San Pawl tar-Rabat kienu:

Pawlinu Farrugia (l-ewwel mazzier)
Carmelo Aquilina
Mario Scicluna
Joseph Borg
Il-mazzier preżenti huwa Alastair Busuttil.

Fl-istess sena, 1965, il-Kontessina Mary Theuma Castelletti rregalat lill-Kapitlu xabla biex tintlibes mill-Mazzier tal-Kapitlu. Din hi xabla Ingliża li fuq il-manku ġġib l-Inizjali GR tar-Re Ġorġ V tal-Ingilterra li rrenja bejn 1910-1936. Maħduma mid-ditta magħrufa Henry Wilkinson ta' Pall Mall, Londra. Jidher li din kienet mogħtija mill-Gvernatur Henry Macleod Leslie Rundle lil Giuseppe Castelletti kif tixhed skrizzjoni żgħira fuq naħa tax-xafra. Fuq in-naħa l-oħra mbagħad tidher imnaqqxa l-istemma ta' Giuseppe Castelletti flimkien ma' ismu u s-sena 1911(?). Fuq l-għant tax-xabla mbagħad tidher skrizzjoni li tgħid hekk:

Donated to the Rev Chapter
of St Paul's Collegiate Church
By the Noble Contessina Mary Theuma Castelletti
nee Fenech Carbott
In Memory of Her Late Husband the Major Noble
Contino Joseph Theuma Castelletti MVO
19th June 1965

